**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SITTA U GĦOXRIN**

**26 ta' Lulju, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson is-Sur Pierre Farrugia, il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia preseda l-laqgħa.

**26.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

26.1.1 Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura.

***26.2*** ***Suġġerimenti u lmenti***

26.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li rappreżentant tal-Kumpanija Gokker li kienet ħadet ix-xogħol tal-playing equipment fi Triq Fra Gan Marie Zammit, infurmat lill-Kumitat li meta marret fuq il-post biex tinstalla l-apparat innutat li ma kienx ser ikun hemm spazzju adekwat għas-safety material li hemm bżonn li jkollu l-apparat tal-logħob.
Is-Segretarju Eżekuttiv tablet lill-kumpaniji kollha li kienu kkwotaw biex jindikaw fuq pjanta kif kienu ser ipoġġu l-apparat tal-logħob bis-safety material madwaru. Tali pjanti ġew sottomessi fis-seduta tal-lum.

Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil li minħabba li l-apparat li kien ikkwotat mill-kumpanija Gokker kien l-isbah wieħed u l-aktar adekwat għat-talba tal-Kumitat Amministrattiv, s-Segretarju Eżekuttiv, titlob lill-perit tal-proġett biex jekk hu possibli jressaq l-ħajt li jdawwar l-akwata b'metru, sabiex tali apparat ikun jista jsirlu s-safety material neċessarju. Ir-risposti għandhom jintbagħtu b'email lill-membri tal-Kumitat għad-diskussjoni**.**

26.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Amministrttiv li Transport Malta approvat linji sofor faċċata ta' dar 16 fi Triq San Iljun. Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol.

26.2.2 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri nfurmat li hemm bżonn velenu tal-ġrieden fi Triq il-Qiegħa. Kien hemm qbil li jsir rapport lis-Sanita.

26.2.3 Kien hemm qbil biex il-Kumitat Amministrattiv iħallas għas-servizz ta' Eco Wardens għal quddiem St Agatha Complex fi Vjal l-Indipendenza, dan minħabba li sa mill-Ħadd fil-għaxija, r-residenti jibdew joħorġu l-iskart tagħhom.

26.2.4 Il-membru Marilyn Sammut infurmat li hemm bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix wara iċ-ċimiterju. Kien hemm qbil fuq dan.

26.2.5 Il-membru Kevin Sam Farrugia staqsa kemm ser jibqa jkun hemm dewmien biex jinxtelu l-lampi li twaħlu mill-Kumitat Amministrattiv sa' minn Diċembru li għadda fi Triq Ħal Far. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġa tinforma lill-Enemalta fuq il-każ.

26.2.6 Il-membru Kevin Sam Farrugia nforma li fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Sant Andrija kien hemm 'U' bar li tkissret b'aċċident. Kien hemm qbil li terġa ssir u tintalab ħlass mill-assigurazzjoni ta' min kellu l-inċident.

***26.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

26.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar l-Erbgħa 24 t'Awwissu, 2016 fil-17:00.

Konfermati, illum 24 ta' Awwissu, 2016

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |